MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru 40/2018/1 LM

**Pauline Azzopardi (K.I. 396446M)**
*(l-appellata)*

***vs.***

**L-Awtorità tal-Artijiet**
*(l-appellanta)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-**Awtorità tal-Artijiet**, hawnhekk "l-Awtorità appellanta" minn deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal") fid-29 ta' Ottubru, 2018 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata") li permezz tagħha t-Tribunal

iddeċieda illi jilqa' l-appell tar-rikorrenti, hawnhekk "l-appellata", **Pauline Azzopardi** minn deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet, filwaqt li jiċħad ir-risposta tal-Awtorità intimata.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti Pauline Azzopardi intavolat rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva wara li l-Awtorità tal-Artijiet, permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Marzu, 2018, ċaħdet it-talba tagħha għat-trasferiment fuq isimha tal-*Caravan Site C. 20* ġewwa l-Għadira, liema *caravan site* oriġinarjament kien mikri lir-raġel tar-rikorrenti Victor Azzopardi, li ġie nieqes fl-2013. Ir-rikorrenti qalet li ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Awtorità intimata għaliex din naqset li tagħti r-*ratio decidendi* għad-deċiżjoni tagħha skont il-liġi, u ma spjegatx kif waslet għall-konklużjoni li r-rikorrenti m'għandhiex titolu jew jedd għal titolu fuq dan il-*caravan site.* Ir-rikorrenti sostniet li l-Awtorità intimata hija obbligata tagħti r-raġunijiet tagħha għad-deċiżjonijiet li tieħu, u f'dan il-każ id-deċiżjoni ma kinitx informattiva biżżejjed. Kien għalhekk, spjegat ir-rikorrenti, li hija għamlet appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sabiex dan iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità tal-Artijiet.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrenti istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva wara li rċeviet ittra bid-data tad-29 ta' Marzu, 2018 mill-Awtorità intimata, li permezz tagħha ġiet infurmata li l-Bord tal-Gvernaturi tal-istess Awtorità kien ċaħad it-talba tagħha għar-rikonoxximent fit-titolu fuq is-sit inkwistjoni, wara li kkonkluda li r-rikorrenti m'għandhiex titolu validu skont il-liġi għal tali rikonoxximent. Ir-rikorrenti ġiet infurmata wkoll li konsegwenza ta' din id-deċiżjoni, l-Awtorità intimata kienet ser tiddisponi minn dan is-sit permezz ta' sejħa pubblika għall-offerti.

Ir-rikorrenti ddeċidiet li tappella minn din id-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità intimata quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, fejn ilmentat li d-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tad-29 ta' Marzu, 2018 kienet nieqsa mir-*ratio decidendi* u mill-motivazzjonijiet li wasslu għal dik id-deċiżjoni. Ir-rikorrenti sostniet li l-Awtorità intimata, bħala awtorità pubblika, kellha tagħti r-raġunijiet tagħha dwar kif waslet għad-deċiżjoni li r-rikorrenti m'għandhiex titolu skont il-liġi sabiex tkun eliġibbli għar-rikonoxximent fit-titolu. Fl-appell tagħha quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti talbet li d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata fil-konfront tagħha tiġi mħassra u revokata.

Fir-risposta tagħha ppreżentata quddiem it-Tribunal, l-awtorità intimata spjegat li r-rikorrenti kienet daħħlet applikazzjoni fl-14 ta' Novembru, 2014 li permezz tagħha talbet li tingħata l-kirja tal-*Caravan Site C. 20* fl-Għadira, skont

skema msejħa "Għadira *Caravan Site Scheme*". L-Awtorità intimata spjegat li d-dettalji ta' din l-iskema kienu nħarġu fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 19,327 fis-17 ta' Ottubru, 2014, li tgħid li "*eligible applicants must either enjoy an existing lease or have a written agreement for the use of the structure ...".* Spjegat li f'dan il-każ ir-rikorrenti la kienet l-inkwilina rikonoxxuta fil-kirja, għaliex l-inkwilin rikonoxxut kien Victor Azzopardi, ir-raġel tar-rikorrenti li kien ġie nieqes xi żmien qabel, u lanqas ma kellha ftehim għall-użu ta' din l-istruttura, u konsegwentement hija ma kinitx tikkwalifika għar-rikonoxximent taħt din l-iskema. L-Awtorità intimata żiedet tgħid li meta r-rikorrenti kienet applikat għar-rikonoxximent, hija kienet intalbet tippreżenta għadd ta' dokumenti li l-Awtorità kienet teħtieġ sabiex tikkonsidra l-applikazzjoni tagħha, iżda dawn baqgħu ma ntbagħtux lill-Awtorità u għalhekk il-proċess tar-rikonoxximent tar-rikorrenti baqa' ma ġiex finalizzat. Kien għalhekk, żiedet tgħid l-Awtorità intimata, li b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tat-23 ta' Frar, 2018, it-talba tar-rikorrenti ġiet rifjutata għaliex intqal li hija ma ppruvatx li għandha titolu validu skont l-iskema. L-Awtorità qalet li hija tat ir-raġunijiet tagħha għar-rifjut tar-rikonoxximent skont il-prinċipju amministrattiv u l-obbligu li awtorità pubblika tagħti raġuni għad-deċiżjonijiet tagħha, u qalet li t-Tribunal ma kellu ebda raġuni valida għalfejn jirrevedi d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata.

It-Tribunal ikkunsidra diversi dokumenti ppreżentati mill-partijiet, fosthom l-Avviż Nru 1051 fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 19,327 li jelenka d-dettalji tal-Iskema tal-Kiri ta' *Caravans* fl-Għadira, kopja tal-iskrittura li permezz tagħha s-sit inkwistjoni kien inkera lil Victor Azzopardi, oriġinarjament għal perijodu ta'

għaxar snin, bis-saħħa ta' ftehim li ġie ffirmat fit-2 ta' Awwissu, 1984, u kopja tal-applikazzjoni li permezz tagħha r-rikorrenti applikat għall-kirja tas-sit inkwistjoni. Fl-*affidavit* tagħha r-rikorrenti spjegat li oriġinarjament kien ir-raġel tagħha li kien applika biex jieħu l-kirja tas-sit inkwistjoni, u li kien jieħu ħsieb iħallas il-kera dovuta b'mod regolari. Hija spjegat li wara li ġie nieqes ir-raġel tagħha, hija kienet applikat mad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex il-kirja inkwistjoni tiġi trasferita fuq isimha. Qalet li t-tifel tagħha kien iċempel spiss sabiex jara l-applikazzjoni tagħha fiex kienet waslet, imma min-naħa tal-Awtorità kien jgħidulhom li ma kienx hemm progress fir-rigward ta' din l-applikazzjoni. Ir-rikorrenti qalet li minkejja li meta ħarġet skema ġdida għall-kiri tal-*caravans* hija kienet għamlet applikazzjoni ġdida, hija xorta waħda baqgħet ma semgħet xejn mingħand l-Awtorità qabel irċeviet l-ittra bir-rifjut tal-Awtorità. Dan ġie kkonfermat mit-tifel tagħha **Mark Azzopardi** li xehed quddiem it-Tribunal u li kkonferma li bħala familja huma applikaw sabiex ommhom, ir-rikorrenti, tiġi rikonoxxuta fil-kirja inkwistjoni wara l-mewt ta' missierhom. Quddiem it-Tribunal xehdet ukoll **Dr Anita Giordmaina**, Segretarja tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità intimata, li spjegat li ċerta Carmen Briffa u r-rikorrenti Pauline Azzopardi kienu applikaw taħt l-iskema tal-*caravans*. Ix-xhud spjegat li r-rikorrenti kienet applikat għar-rikonoxximent mill-Awtorità intimata fis-17 t'Awwissu 2013, u sussegwentement ir-rikorrenti kienet ippreżentat uħud mid-dokumenti mitluba minnha mill-Awtorità. Ix-xhud qalet ukoll li r-rakkomandazzjoni li saret lill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità kienet li l-ebda waħda mill-applikanti għar-rikonoxximent ma kienet tissodisfa l-kriterji tal-eliġibbilità għar-rikonoxximent, u għalhekk l-Awtorità setgħet

tikkonsidra li tiddisponi mis-sit permezz ta' sejħa għall-offerti. Ix-xhud żiedet tgħid li l-Artikolu 9 tal-Iskema jispeċifika li "*eligible applicants must either enjoy an existing lease or have a written agreement for the use of the structure; Application forms for this Scheme may be obtained from Monday 20th October, 2014.*" Ix-xhud għamlet riferiment għal ittra li d-Dipartiment tal-Artijiet dak iż-żmien kien bagħat lin-Nutar Patrick Critien, li kien bagħat korrispondenza għan-nom tar-rikorrenti. Qalet li wara li ntalbet informazzjoni ulterjuri mingħand ir-rikorrenti, din baqgħet ma rrispondietx għat-talbiet li sarulha, u kien għalhekk li din ma setgħetx tiġi rikonoxxuta.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

4. Permezz tas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Ottubru, 2018, it-Tribunal laqa' t-talbiet tar-rikorrenti, filwaqt li ċaħad ir-risposta tal-Awtorità intimata, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi r-rikorrenti ħassitha aggravata b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet komunikata lilha permezz ta' ittra datata 29 ta' Marzu 2018 li permezz tagħha ġiet mgħarrfa illi t-talba tagħha sabiex jiġi trasferit fuqha l-caravan site C. 20 fl-Għadira minn fuq id-decujus żewġha kienet qiegħda tiġi rifjutata.*
>
> *Illi r-raġuni għal tali deċiżjoni kienet illi r-rikorrenti naqset milli tipprova li għandha titolu validu skont il-liġi għall-istess caravan site. Min-naħa l-oħra l-aggravju prinċipali tar-rikorrenti huwa illi d-deċiżjoni appellata hija nieqsa minn kull motivazzjoni.*
>
> *Illi għalhekk dak li jrid jeżamina dan it-Tribunal huwa jekk ir-raġuni tar-rifjut kinitx waħda biżżejjed motivata, u jekk iva jekk il-motivazzjoni kinitx waħda ġustifikata.*

*Illi għal stampa ċara tal-kwistjoni t-Tribunal ser jelenka l-iter li wassal lir-rikorrenti tissottometti l-applikazzjoni tagħha għat-trasferiment lill-Awtorità intimata:-*

1. *Fit-2 ta' Awwissu 1984 il-Kummissarju tal-Artijiet ikkonċeda lil Victor Azzopardi b'titolu ta' kera l-istruttura fil-bajja tal-Għadira, il-Mellieħa indikata bin-numru C20;*
2. *Victor Azzopardi miet fis-17 ta' Awwissu 2013;*
3. *Skont testment pubbliku datat 24 ta' Jannar 1997 Victor Azzopardi ħalla lil martu Pauline Azzopardi l-użufrutt u t-tgawdija tal-beni kollha tiegħu, filwaqt li nnomina u istitwixxa bħala eredi universali ta' ġidu kollu lil uliedu Mark u Anylene;*
4. *Fl-2014 Pauline Azzopardi talbet li l-kirja msemmija aktar 'il fuq tinqaleb fuqha b'dikjarazzjoni min-Nutar Dr Patrick Critien li skont ir-riċerki li għamel Pauline Azzopardi kienet intitolata tagħmel tali talba skont il-liġi;*
5. *Fid-29 ta' Settembru 2014, il-Kummissarju tal-Artijiet kiteb lin-Nutar Dr Patrick Critien fejn talbu jipprovdi ċ-ċertifikati tar-Reġistru Pubbliku u tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili dwar it-testmenti ta' Victor Azzopardi, flimkien ma' kopja tat-testment;*
6. *Fis-17 ta' Ottubru 2014 id-Dipartiment tal-Artijiet ħareġ skema sabiex kull min kellu titolu ta' kera jew kien jokkupa kamra jew caravan fis-sit indikata fil-pjanta pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-istess ġurnata kellu japplika għal kirja għal perijodu ta' ħames snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-istess Gazzetta, għal liema skema applikat Pauline Azzopardi;*
7. *Permezz ta' deċiżjoni datata 29 ta' Marzu 2018 Pauline Azzopardi ġiet infurmata li l-applikazzjoni tagħha kienet ġiet rifjutata peress li ma kellhiex titolu validu skont il-Liġi fuq il-*caravan site *metru ta' dan l-appell u li għalhekk il-Bord iddeċieda li joħroġ l-istess site b'tender.*

***Ir-rikorrenti** stqarret illi wara li miet żewġha Victor Azzopardi hija kienet marret id-Dipartiment tal-Artijiet biex il-kirja in kwistjoni tinqaleb għal fuqha u għal dan il-għan kienet imliet applikazzjoni. Tispjega li t-tifel tagħha Mark Azzopardi kien ċempel diversi drabi biex jara fhiex kienet waslet l-applikazzjoni però kien jiġi infurmat li ma kienx hemm progress. Tgħid li eventwalment fl-2017[1] hija applikat taħt skema għall-caravans liema applikazzjoni ġiet rifjutata.*

[1] Din l-applikazzjoni tirriżulta li saret fis-sena 2014. Ara applikazzjoni *a fol.* 71 *et seq.* tal-proċess.

***Mark Azzopardi*** *spjega li hu iben ir-rikorrenti u li wara li ġie nieqes missieru kienu applikaw biex il-kirja tal-*caravan site *iddur fuq ommu u meta kien iċempel biex jara x'ġara mill-applikazzjoni kienu jgħidulu li ma kienx hemm progress. Jgħid li meta ħarġet l-iskema tal-caravans ommu kienet applikat. In kontro-eżami huwa jgħid li kienu inkarigaw lin-Nutar Critien biex jibdielhom il-proċedura biex il-*caravan site *tinqaleb fuq ommu. Jispjega li lin-Nutar Critien inkarigawh peress li kien ippubblika l-att ta' trasferiment tad-dar tagħhom wara li miet missieru u għalhekk inqdew bis-servizzi tiegħu għall-proċedura mad-Dipartiment tal-Artijiet. Però jgħid li huwa qatt ma kien irċieva xejn lura mingħand in-Nutar Critien.*

***Dr Anita Giordmaina****, Segretarja tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità intimata, spjegat illi r-rikorrenti kienet issottomettiet applikazzjoni sabiex tiġi rikonoxxuta bħala kerrejja minflok żewġha. Tispjega wkoll illi wara li d-Dipartiment tal-Artijiet kien irċieva din l-applikazzjoni, intbagħtet ittra lin-Nutar Critien fejn talbuh jipprovdi xi dokumenti ulterjuri, għal liema ittra ma rċevew l-ebda feedback. Tispjega li sussegwentement kienet infetħet skema li għalqet f'Novembru 2014 u kienu applikaw għaliha r-rikorrenti u ċertu Carmen Briffa. Meta din l-applikazzjoni telgħet quddiem il-Bord ġie rakkomandat li l-ebda waħda mill-applikanti ma kienet tissodisfa artikolu 9 tal-iskema u għalhekk is-site in kwistjoni kellha toħroġ b'tender.*

***Ikkunsidrat:***

*Illi r-rikorrenti qiegħda timpunja d-deċiżjoni appellata stante li fil-fehma tagħha din ma kinitx waħda motivata biżżejjed u li jekk anke għall-grazzja tal-argument id-deċiżjoni hija waħda tajba, xorta dan it-Tribunal għandu jannullaha ladarba ma ngħatax raġuni xierqa għaċ-ċaħda.*

*Illi r-raġuni mogħtija mill-Awtorità intimata taqra hekk, "it-talba tiegħek ġiet miċħuda permess li ma ġiex ippruvat illi għandek titolu validu skont il-Liġi fuq il-* ***Caravan Site C. 20 l-Għadira****, u għalhekk inti ma tikkwalifikax taħt l-iskema hawn fuq imsemmija."*

*Illi dan it-Tribunal f'numru ta' okkażjonijiet kien ferm kritiku fuq id-deċiżjonijiet xotti xotti ta' awtoritajiet pubbliċi meta jiġu biex jiddeċiedu materji fejn l-individwu għandu dritt ta' appell għal quddiem awtorità ġudizzjarja. Ir-raġunijiet ta' deċiżjoni huma essenzjali sabiex ipoġġu liċ-ċittadin f'dik il-pożizzjoni li jkun jista' jevalwa jekk l-awtorità pubblika konċernata tkunx waslet għad-deċiżjoni tagħha b'mod raġonevoli jew le.*

*Issa fil-każ preżenti, għalkemm ir-raġuni mogħtija hija biss ta' ftit kliem, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal hija waħda sufficjenti għaliex fissret ċar il-bażi għala l-Awtorità intimata ma kinitx qiegħda tilqa' l-applikazzjoni tar-rikorrent. Id-deċiżjoni nnifisha tispelli b'mod ċar illi r-raġuni tar-rifjut kien abbażi tan-nuqqas ta' titolu u għalhekk ir-rikorrenti tpoġġiet mill-ewwel f'pożizzjoni li tikkontesta tali deċiżjoni.*

*Illi fil-mori rriżulta wkoll illi effettivament it-trasferiment tal-kirja baqa' qatt ma seħħ għal fuq ir-rikorrent għalkemm ir-rikorrenti kienet uriet ix-xewqa li dan isir permezz ta' applikazzjoni sottomessa fl-2014 (Dok. C a fol. 16). Jirriżulta però li wara li bagħat din l-applikazzjoni l-predeċessur tal-Awtorità intimata kien bagħat ittra lin-Nutar Dr Patrick Critien fejn talab li jiġu sottomessi r-riċerki testamentarji. Għal xi raġuni din il-komunikazzjoni ma waslet qatt għand ir-rikorrenti u għalhekk ma ġie sottomess l-ebda dokument kif mitlub bil-konsegwenza li l-applikazzjoni tagħha għat-trasferiment tal-kirja baqgħet ma ġietx finalizzata però jirriżulta illi l-Awtorità intimata xorta baqgħet taċċetta l-ħlas tal-kirja.*

*Illi għalhekk fattwalment, ir-rikorrenti mhix l-inkwilin rikonoxxut mill-Awtorità intimata għaliex jonqos proċess x'isir. Però min-naħa l-oħra, fil-kwadru ta' dawn iċ-ċirkostanzi, it-Tribunal iħoss li ladarba kien hemm applikazzjoni pendenti, il-Bord kellu tal-anqas jieħu in konsiderazzjoni din iċ-ċirkostanza u terġa' tintbagħat komunikazzjoni sabiex jara għala din l-applikazzjoni ma ġietx finalizzata. It-Tribunal jista' jimmaġina għaliex l-ittra mibgħuta lin-Nutar Critien ma waslitx – dan probabbilment ġara għaliex ir-rikorrenti bidlet l-indirizz tar-residenza tagħha u n-Nutar ma ġiex mgħarraf b'dan għaliex altrimenti t-Tribunal ma jara l-ebda raġuni għala r-riċerki testamentarji, li x'aktarx diġà kienu fil-pussess tan-Nutar, stante li kien ippubblika kuntratt ta' bejgħ tar-residenza tar-rikorrenti, ma jiġux ippreżentati biex ikun jista' jiġi kompletat il-proċess.*

*Għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-opinjoni li l-Bord tal-Gvernaturi, in vista li kien hemm applikazzjoni għar-rikonoxximent tar-rikorrenti pendenti u preċedenti għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni abbażi tal-iskema, kellu jagħti opportunità lir-rikorrenti tirregola l-pożizzjoni tagħha u tforni lill-Awtorità bid-dokumenti rikjesti biex tiġi finalizzata t-talba tagħha għar-rikonoxximent fil-kirja flok żewġha.*

*Għalhekk it-Tribunal qiegħed jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità intimat meħuda mill-Bord tal-Gvernaturi datata 29 ta' Marzu 2018 u jistieden lill-istess Bord jieħu in konsiderazzjoni dak kollu li ntqal hawn fuq u jagħti opportunità lir-rikorrenti tissottometti d-dokumenti rikjesti fl-ittra tad-29 ta' Settembru 2014 u finalment*

*jiddeċiedi l-applikazzjoni tagħha abbażi tal-iskema wara li jkun finalizzat il-proċess tar-rikonoxximent tagħha fil-kirja tal-Caravan Site C. 20, l-Għadira minflok id-defunt żewġha.*

***Decide***

*Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jilqa' l-appell tar-rikorrenti fil-parametri hawn fuq enunċjati u jiċħad ir-risposta tal-Awtorità intimata.*

*In vista taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.*

## L-Appell

5. L-Awtorità intimata, appellanti f'dawn il-proċeduri, ippreżentat l-appell tagħha mid-deċiżjoni tat-Tribunal fl-10 ta' Novembru, 2019, sabiex,

> *"... titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-ismijiet premessi tad-29 ta' Ottubru, 2018 u tipprovdi minflok billi tilqa' l-aggravji tal-Awtorità, u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet tad-29 ta' Marzu 2018 u tagħti dawk l-ordnijiet li tikkunsidra li jkunu xierqa, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati."*

6. L-Awtorità appellanta tgħid li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex: (i) hija fl-ebda waqt ma naqset milli tagħmel xogħolha fil-konfront tal-appellata, tant hu hekk li meta kien hemm dokumenti nieqsa, l-appellanta kienet infurmat lin-Nutar Critien sabiex jipprovdilha tali dokumenti sabiex l-applikazzjoni tal-appellata tkun tista' tiġi pproċessata; (ii) kif jirrileva t-Tribunal, aktarx li d-dokumenti mitluba mill-appellanta kienu diġà lesti u fil-

pussess tan-Nutar, iżda għal xi raġuni dan naqas milli jgħaddihom lill-Awtorità appellanta; (iii) l-appellata kienet taf li hija kienet inkarigat lin-Nutar Critien sabiex jieħu ħsieb il-proċess tal-applikazzjoni tagħha, u kellha obbligu li ssegwi l-proċess u tara fiex wasal, u għalhekk mhux ġust li tkun l-Awtorità appellanta li titgħabba b'dan in-nuqqas tagħha; (iv) ma jistax jiġi impost l-oneru fuq l-Awtorità appellanta li tkun hi li tiġri wara l-applikanti u tassigura li dawn ikunu ssottomettew id-dokumenti kollha mitluba minnhom; (v) l-appellata ma wrietx interess imqar minimu u naqset milli tkellem lin-Nutar tagħha sabiex dan jara li l-proċess jitkompla u jitlesta fil-ħin; (vi) hija mxiet mad-dettami tal-*policy* minn kull aspett, u għalhekk temmen li d-deċiżjoni tat-Tribunal mhijiex imsejsa fuq raġunijiet ġusti u li jimmeritaw li jiġi milqugħ l-appell tar-rikorrenti u t-tħassir tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità appellanta; (vii) wieħed mill-kriterji li fuqhom hija msejsa l-liġi amministrattiva huwa t-trattament ugwali tal-individwi li javviċinawha għal xi servizz, u marbuta ma' dawn il-prinċipji hemm prinċipji oħra bħalma huma l-konsistenza, iċ-ċertezza legali u l-prevedibbilità. Spjegat li l-Bord tal-Gvernaturi ma jkunx qiegħed jimxi b'mod ugwali bejn l-applikanti li kieku ma jużax l-istess regoli u kejl ma' kulħadd.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

7. Fir-risposta tal-appell tagħha, l-appellata qalet li r-rikors tal-appell ġie notifikat lilha fis-26 ta' Awwissu, 2020, jiġifieri aktar minn sena u disa' xhur wara li ġie intavolat ir-rikors tal-appell tal-Awtorità appellanta. Żiedet tgħid li l-artikolu 963 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jispeċifika li l-proċeduri bil-

miktub għandhom jiġu mitmuma fi żmien sena fi stadju ta’ appell, u li dan il-perijodu ta’ żmien jibda jgħodd mill-ġurnata tal-preżentazzjoni tar-rikors tal-appell. Kompliet tgħid li minkejja li din il-Qorti tat ordnijiet dwar in-notifika tar-rikors tal-appell lill-appellata permezz ta’ digriet tal-15 ta’ Jannar 2020, fejn il-Qorti ordnat li f’każ li sad-data tas-seduta li jmiss l-appellata tkun għadha mhix notifikata, il-Qorti kellha tagħti digriet ta’ deżerzjoni, l-appellata kienet għadha mhijiex notifikata bir-rikors tal-appell sas-seduta li nżammet f’Lulju tal-2020, li matulha din il-Qorti reġgħet ħalliet ir-rikors għan-notifika. L-appellata qalet li f’dan ir-rigward, il-liġi hija ċara u l-Qorti għandha tagħti d-direzzjonijiet li jidhrilha darba waħda biss, minkejja li f’dan il-każ jirriżulta li din id-direzzjoni ngħatat aktar minn darba. L-appellata żiedet tgħid li l-Awtorità appellanta qatt ma wriet interess f’dan l-appell tul is-sena sabiex jingħalaq iż-żmien tal-istadju bil-miktub imsemmi fl-artikolu 963(3) tal-Kap. 12, u li kien biss fil-21 ta’ Frar, 2020, ferm wara li għalqet is-sena, li reġgħet tħallset in-notifika, li reġgħet ġiet negattiva, u tentattiv ieħor għan-notifika sar sitt xhur wara, fl-14 ta’ Awwissu 2020. Eventwalment l-att ġie notiifikat lill-appellata fis-26 ta’ Awwissu 2020. Għal dawn ir-raġunijiet, sostniet l-appellata, dan l-appell għandu jitqies bħala deżert.

L-appellata kompliet tispjega li ladarba l-Awtorità appellanta kienet taf li qiegħda tibgħat dokumenti ta’ natura sensittiva u importanti, din kellha tassigura li dawn jintbagħtu bil-posta reġistrata sabiex tkun tista’ ssegwi jekk dawn jaslux fid-destinazzjoni tagħhom, u l-appellanta kellha wkoll obbligu li tinforma lill-appellata li r-riċerki mitluba minnha ma kinux intbagħtu kif mitlub.

L-appellata żiedet tgħid li l-appellanta ma kellhiex taġixxi b'tali mod li tniżżel il-gilljottina fuq il-formalitajiet, li setgħu kienu frott in-nuqqas ta' komunikazzjoni, u l-appellanta kellha turi aktar konsiderazzjoni lejn ix-xewqat tal-appellata ladarba din applikat għal rikonoxximent fit-titolu. L-appellata qalet ukoll li mhux ġust li hija tiċċaħħad mid-dritt tagħha fuq il-proprjetà permezz ta' sempliċiment ittra li l-appellanta qiegħda tallega li ntbagħtet lil terz, u ċjoé n-Nutar Critien.

L-appellata żiedet tgħid li hija min-naħa tagħha tant uriet interess fl-applikazzjoni tagħha, li kif xehdet quddiem it-Tribunal, binha spiss kien iċempel fl-uffiċċji tal-Awtorità appellanta sabiex jara xi progress kien sar fir-rigward ta' din l-applikazzjoni, u l-uffiċjali tal-Awtorità appellanta dejjem kienu jgħidulu li l-applikazzjoni ma kinitx ġiet ipproċessata, u dan minflok ma kienu jgħidulu li r-riċerki u d-dokumentazzjoni mitluba minnhom kienu għadhom ma waslux fl-uffiċċji tad-Dipartiment. L-appellata qalet li n-nutar inkwistjoni huwa terz fil-proċess tal-applikazzjoni, u għalhekk kull komunikazzjoni kellha ssir bejn il-partijiet fil-kawża u mhux man-nutar. B'riferiment għas-sitt u s-seba' aggravji tal-appellanta, l-appellata wieġbet li minkejja li fid-dritt amministrattiv wieħed jistenna li entità pubblika timxi b'konsistenza, dan ma jfissirx li sitwazzjonijiet differenti m'għandhomx jingħataw attenzjoni u trattament differenti, sakemm każijiet simili jibqgħu jiġu ttrattati bl-istess mod. L-appellata qalet li hija kellha applikazzjoni pendenti sabiex tiġi rikonoxxuta fil-kirja minflok żewġha Victor Azzopardi, li kien ingħata l-*caravan site* inkwistjoni b'konċessjoni mill-Gvern ta' Malta fl-1984, meta kien diġà miżżewweġ. L-

appellata żiedet tgħid li hija kellha kull raġuni taħseb li hija kienet intitolata tkompli fil-kirja minflok żewġha wara li dan ġie nieqes, peress li dak iż-żmien ir-raġel biss kien jirrappreżenta l-komunjoni tal-akkwisti. L-appellata żiedet tgħid li f'dan ir-rigward ir-riċerki testamentarji ftit li xejn kienu ta' rilevanza għaliex kwalunkwe dritt ta' tkomplija ta' kera joħroġ mil-liġi jew mill-*policy* jew mid-diskrezzjoni tal-Awtorità appellanta u mhux mit-testment. Kompliet tgħid li għalhekk l-insistenza tal-Awtorità appellanta għar-riċerki testamentarji kienet tammonta għal burokrazija żejda li ma kinitx meħtieġa, u t-talbiet tagħha setgħu jiġu pproċessati anki mingħajr tali dokumenti. Qalet ukoll li dan mhux każ ta' persuna li qiegħda tippretendi li għandha dritt wara li m'għamlet xejn dwar il-pretensjonijiet tagħha għal numru ta' snin, iżda dan huwa każ fejn il-persuna affettwata minn dejjem uriet interess li tmexxi l-applikazzjoni tagħha. L-appellata qalet ukoll li l-Awtorità appellanta dejjem aċċettat il-ħlas tal-kera wara l-mewt ta' Victor Azzopardi, u dan kien jammonta għal aċċettazzjoni taċita li l-kirja għandha tkompli mill-appellata. L-appellata kkonkludiet ir-risposta tagħha billi qalet li dan kollu lilha jpoġġiha f'sitwazzjoni differenti minn dik ta' persuni li jidħlu jokkupaw proprjetà pubblika mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, bħalma huma l-i*squatters,* u għalhekk hija m'għandhiex tiġi ttrattata bħallikieku kienet xi *squatter*.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex qabel tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-Awtorità appellanta, tikkonsidra l-eċċezzjoni proċedurali sollevata mill-

appellata dwar id-data meta hija ġiet notifikata bir-rikors tal-appell. L-artikolu 963(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

> "Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża mhumiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew forma."

Il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ hija kienet tat digriet fil-15 ta' Jannar, 2020 li permezz tiegħu ordnat lill-Awtorità appellanta tagħmel żewġ tentattivi oħra ta' notifika wara l-ħin legali, u ordnat ukoll li f'każ li r-riferta tibqa' negattiva, issir notifika bl-affissjoni u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u żewġ gazzetti lokali. Jirriżulta li l-Awtorità appellanta għamlet tentattiv ieħor ta' notifika fid-29 ta' Jannar, 2020, liema riferta kienet negattiva stante li "ma fetaħ ħadd", u numru ta' seduti li kienu ffissati li jsiru bejn Marzu 2020 u Mejju tal-istess sena kellhom jiġu posposti minħabba fl-Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja (l-Avviż Legali 65 tal-2020) u l-Ordni tal-2020 dwar l-Epidemiji u l-Mard Infettiv (l-Avviż Legali 61 tal-2020). Fl-ewwel seduta li saret wara l-ftuħ mill-ġdid tal-Qrati tal-Ġustizzja, din il-Qorti kkonċediet differiment wieħed tal-aħħar għal skopijiet ta' notifika tal-appellata, u fil-fatt jirriżulta li n-notifika tal-appellata rnexxiet fis-26 ta' Awwissu 2020. Jirriżulta għalhekk li anki in vista tad-diffikultajiet li l-pajjiż għadda minnhom fil-perijodu bejn Marzu u Ġunju ta' din is-sena, l-Awtorità appellanta għamlet tentattiv sabiex tinnotifika r-rikors tal-appell lill-appellata, tant hu hekk li finalment in-notifika rnexxiet u l-

appellata daħħlet ir-risposta tagħha qabel id-data meta kellu jinstema' r-rikors tal-appell. Din il-Qorti hija tal-fehma li ladarba l-appellanta rnexxielha tinnotifika lill-appellata, u ladarba l-liġi ttiha s-setgħa li minkejja li jkunu għaddew il-perijodi perentorji indikati fl-artikolu 963(1), tista' tagħti ordnijiet sabiex il-proċeduri ma jiġux dikjarati deżerti, iżda jiġu determinati fil-mertu, għandha tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-Awtorità appellanta. B'hekk din l-eċċezzjoni proċedurali sollevata mill-appellata qiegħda tiġi miċħuda.

*L-ewwel aggravju: l-Awtorità appellanta fl-ebda ħin ma naqset milli tagħmel xogħolha fil-konfront tal-appellata*

Dan huwa appell minn deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li ddeċieda li d-deċiżjoni komunikata mill-Awtorità tal-Artijiet lill-appellata permezz tal-ittra tal-15 ta' Frar, 2018, għandha tiġi mħassra. Il-proċeduri odjerni jafu l-bidu tagħhom fl-2014, meta l-appellata kienet għamlet applikazzjoni lill-Awtorità, dak iż-żmien "dipartiment" tal-Artijiet, sabiex tiġi rikonoxxuta fil-kirja ta' *caravan site* ġewwa l-Għadira, wara li ġie nieqes żewġha, li kien ilu rikonoxxut fil-kirja ta' dan is-sit mill-1984. Dak iż-żmien l-appellata kienet intalbet għadd ta' dokumenti sabiex l-applikazzjoni tagħha setgħet tiġi ppro ċessata mill-appellanta. Imma jirriżulta li minkejja li l-appellata inkarigat nutar ta' fiduċja tagħha sabiex jiġbor id-dokumenti meħtieġa u jibgħathom lill-Awtorità appellanta, għal xi raġuni dan baqa' ma sarx. L-appellata u binha Mark Azzopardi t-tnejn xehdu li minkejja li marru fiżikament

fl-uffiċini tal-appellanta u anki għamlu diversi telefonati sabiex jaraw l-applikazzjoni tagħhom fiex kienet waslet, huma baqgħu qatt ma ngħataw risposta dwar dan, u l-unika informazzjoni li kienet tingħatalhom kienet li l-applikazzjoni tagħhom għadha ma ġietx ipproċessata. Jirriżulta wkoll li korrispondenza li l-Awtorità appellanta bagħtet lin-nutar tal-appellata kienet baqgħet mhux imwieġba. Kien għalhekk li meta l-appellanta għamlet evalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-appellata skont il-kriterji mħabbra mill-Gvern u ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern għar-rikonoxximent ta' titoli fuq *caravan sites,* ġie deċiż li l-appellata ma kinitx eliġibbli biex tiġi rikonoxxuta, peress li skont it-termini tal-iskema din la kellha titolu ta' kirja fuq dan is-sit u lanqas ma kellha xi forma ta' awtorizzazzjoni sabiex tagħmel użu mis-sit,. Kien għalhekk li l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet kien informa lill-appellata li l-applikazzjoni tagħha kienet qiegħda tiġi rifjutata.

Il-Qorti tqis li l-Awtorità appellanta naqset fil-konfront tal-appellata meta tat informazzjoni żbaljata u li ma kinitx tirrifletti l-verità dwar l-istadju li kienet waslet fih l-applikazzjoni tagħha. L-appellata baqgħet tiġri wara l-applikazzjoni tagħha, u ppruvat tikkomunika mal-Awtorità kkonċernata diversi drabi u b'diversi modi, iżda ħadd ma qalilha li hija kellha tippreżenta xi dokumentazzjoni ulterjuri, jew li n-nutar inkarigat minnha ma kienx irrisponda għat-talbiet tal-Awtorità. L-unika ħaġa li ntqalet lill-appellata kienet li l-applikazzjoni tagħha kienet għadha ma ġietx ipproċessata, u għalhekk hija fehmet li l-applikazzjoni tagħha kienet inqabdet mal-applikazzjoni ta' persuni oħra, u mhux li l-applikazzjoni tagħha ma ġietx ipproċessata peress li l-

informazzjoni pprovduta minnha ma kinitx kompluta. Barra minn hekk, u kif tajjeb tirrileva l-appellata, f'materja daqshekk sensittiva u ta' importanza għall-individwu li jressaq it-talbiet tiegħu quddiem awtorità pubblika, ċertament li l-korrispondenza kellha tintbagħat b'mod li jista' jiġi intraċċat u mhux b'posta normali.

*It-tieni aggravju:* *aktarx li d-dokumenti mitluba kienu diġà fil-pussess tan-nutar, iżda dan xorta waħda m'għaddihomx lill-Awtorità appellanta*

Tqis li din l-osservazzjoni li saret mit-Tribunal, u li l-Awtorità appellanta għamlitha tagħha, aktarx li għandha mis-sewwa, madanakollu l-Qorti hija tal-fehma li l-appellanta ma kellhiex tagħmel osservazzjonijiet bħal dawn. In-Nutar Critien kien terz estranju għall-kwistjoni in meritu. Ladarba kienet l-appellata li talbet ir-rikonoxximent, kwalunkwe korrispondenza da parti tal-Awtorità appellanta kellha ssir direttament mal-appellata, u mhux ma' terzi. Ċertament li l-Awtorità appellanta ma tistax titlob lill-appellata twieġeb għalfejn in-Nutar Critien naqas milli jippreżenta d-dokumentazzjoni mitluba mill-Awtorità appellanta.

*It-tielet aggravju:* *l-appellati kellhom responsabbilità li jsegwu l-proċess tal-applikazzjoni tagħhom u jaraw fiex wasal*

L-Awtorità appellanta ssostni li hija jkollha diversi talbiet u applikazzjonijiet simili għal dawk tal-appellata, u għalhekk hija r-responsabbilità tal-applikant li

jsegwi l-applikazzjoni tiegħu u jieħu ħsieb jagħmel is-sottomissjonijiet neċessarji skont dak li jkun intalab. Il-Qorti tosserva li huwa proprju dan li ġara f'dan il-każ. Kemm l-appellata kif ukoll it-tifel tagħha t-tnejn xehdu li huma sikwit kienu jagħmlu *follow-up* tal-applikazzjoni tagħhom mal-Awtorità appellanta, iżda kull darba kienu jingħataw risposta li l-applikazzjoni tagħhom għadha ma ġietx ipproċessata. Għad li din il-Qorti tifhem u tapprezza l-volum ta' xogħol li hija mgħobbija bih l-appellanta, fl-istess waqt iżda ma tistax taċċetta li applikanta tingħata informazzjoni mhux preċiża dwar l-istat tal-applikazzjoni tagħha jew ma tingħatax informazzjoni kompluta dwar, pereżempju l-fatt li f'dan il-każ id-dokumenti li ġew ippreżentati ma kinux kompluti.

*Ir-raba' aggravju:* *L-awtorità appellanta ma tistax toqgħod tiġri hi wara l-applikanti li jonqsu milli juru interess fl-applikazzjoni tagħhom*

Din il-Qorti hija tal-fehma li lanqas dan l-aggravju m'għandu mis-sewwa u mhux sostnut mill-provi li ġew ippreżentati quddiem it-Tribunal, għaliex mill-provi jirriżulta li l-appellata segwiet l-applikazzjoni tagħha, iżda ma ngħatatx informazzjoni korretta mill-uffiċjali tal-Awtorità appellata. Minkejja li l-Qorti tista' tifhem li l-appellanta tirċievi diversi talbiet għall-konsiderazzjoni tagħha, l-inqas ħaġa li hija mistennija minn awtorità pubblika hija li din tagħti informazzjoni preċiża, jew li almenu meta jiġi stabbilit li l-informazzjoni mitluba minnha ma ġietx ippreżentata b'mod komplut, li tintbagħat ittra

reġistrata lill-applikant, u mhux tħalli lill-applikanti fl-għama a skapitu li saħansitra jitlef il-jeddijiet tiegħu.

*Il-ħames aggravju:* *Kienet l-appellata li ma wrietx interess u li naqset milli tassigura li l-proċess marbut mal-applikazzjoni tagħha jitkompla u jitlesta fil-ħin*

Anki dan l-aggravju tal-Awtorità appellanta ma jirrispekkjax il-fatti kif ġraw, għaliex mill-provi jirriżulta li l-appellata u t-tifel tagħha baqgħu jsegwu l-applikazzjoni tagħhom u jistaqsu dwarha kultant żmien. L-appellata iżda ma kinitx taf li l-Awtorità appellanta kienet talbet lin-nutar tagħha sabiex dan jieħu ħsieb jippreżenta r-riċerki testamentarji u dokumenti oħra, u għalhekk ma setgħetx tagħmillu premura biex dan jieħu ħsieb li jdaħħal id-dokumentazzjoni mitluba fil-ħin. L-appellata u binha kienu taħt l-impressjoni li l-unika ħaġa li kien għad fadal kienet li l-applikazzjoni tagħhom tiġi pproċessata u tingħata l-attenzjoni li tixirqilha, u fl-ebda waqt ma jirriżulta li huma ġew mgħarrfa li d-dokumentazzjoni li pprreżentaw ma kinitx kompluta.

*Is-sitt aggravju:* *L-awtorità appellanta mxiet mad-dettami tal-*policy

L-appellanta tgħid li hija mxiet mad-dispożizzjonijiet tal-*policy* meta ddeċidiet li l-appellanta m'għandha l-ebda jedd li tiġi rikonoxxuta fit-titolu fuq dan il-*caravan site* minħabba li qatt ma kienet rikonoxxuta bħala inkwilina qabel u għaliex l-appellata qatt ma kellha permess sabiex tagħmel użu minn dan il-

*caravan sit,* u dan kif stabbilit bil-*policy.* Anki hawnhekk l-Awtorità appellanta ma tagħtix stampa kompluta tal-fatti kif ġraw. Mill-provi jirriżulta li l-appellata talbet li tiġi rikonoxxuta fil-kirja tas-sit wara li ġie nieqes ir-raġel tagħha, li kien ilu jgawdi titolu fuq dan is-sit sa mill-1984, fi żmien meta minkejja li koppja miżżewġa kienet regolata mir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti, ir-raġel waħdu seta' jidher fuq kuntratti tal-akkwist u jiffirma għall-komunjoni. F'dan il-każ l-appellata xtaqet li tkompli hi waħedha fit-titolu tad-defunt żewġha, u kien għalhekk li hija ħasbet sabiex tirregola s-sitwazzjoni tagħha mal-Awtorità appellanta. Din il-Qorti mhix konvinta mid-deċiżjoni tal-Awtorità appellanta li l-appellata ma kellhiex titqies bħala applikanta eliġibbli taħt il-kriterji stabbiliti fl-artikolu 9 tal-Iskema. Il-*policy* mfassla mill-Awtorità sabiex tirregola xi aspett partikolari tal-ħidma tagħha ma tridx tkun tali li ċċaħħad lill-individwu mill-ħarsien li jgawdi taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi. Lanqas m'għandha *policy* titħaddem b'tali mod li ċċaħħad persuna milli tingħata konsiderazzjoni xierqa għall-applikazzjoni tagħha u għat-talbiet tagħha, għaliex f'dan il-każ ma jirriżultax li l-Bord tal-Gvernaturi daħal fil-mertu ta' jekk l-appellata kellhiex titqies bħala persuna eliġibbli taħt it-termini tal-Iskema. Kull *policy* għandha tkun imfassla bil-ħsieb li fuq kollox tħares il-jeddijiet taċ-ċittadin privat li jista' jersaq quddiem awtorità pubblika u jitlob ħarsien tal-jeddijiet li huwa jemmen li għandu, jew sabiex jingħata jeddijiet li jemmen li jista' jkollu. Ir-rifjut tat-talbiet tal-appellata għaliex l-informazzjoni li l-Awtorità appellanta talbet mingħand in-nutar tagħha baqgħet ma waslitx, ċertament li ma tistax titqies li hija msejsa fuq raġunijiet ġusti.

*Is-seba' aggravju:* *Il-liġi amministrattiva hi msejsa fuq ċerti prinċipji, bħalma huma t-trattament ugwali, il-konsistenza, iċ-ċertezza legali u l-prevedibbilità*

Dan l-aggravju jagħmel riferiment għal prinċipji validi u li għandhom jikkostitwixxu l-bażi ta' kull deċiżjoni amministrattiva li tista' tittieħed. Iżda f'dan il-każ ma jistax jingħad li l-Awtorità appellanta ħarset il-prinċipju tal-ugwaljanza, kemm għaliex ma ngabet l-ebda prova dwar il-mod kif ġew ittrattati applikazzjonijiet oħra għar-rikonoxximent ta' titolu simili, kif ukoll għaliex ir-rifjut ta' applikazzjoni għar-raġunijiet li ssemmew f'din il-kawża ċertament li mhuwiex aċċettabbli. Huwa minnu li kull applikant jistenna mill-awtoritajiet pubbliċi li dawn jimxu b'konsistenza, b'mod li joffru ċertezza legali u bi prevedibbilità, iżda f'dan il-każ ma jirriżultax li l-Awtorità appellanta imxiet skont dawn il-prinċipji. L-inqas ħaġa li persuna tistenna meta tressaq talba quddiem awtorità pubblika hija li meta titlob informazzjoni dwar fiex waslet l-applikazzjoni tagħha, tingħata informazzjoni korretta, u f'każ li jirriżulta li hemm xi dokumenti nieqsa li kellhom jiġu ppreżentati mal-applikazzjoni tagħha, li xi ħadd jinfurmaha li d-dokumenti meħtieġa għadhom ma waslux għand l-Awtorità appellata.

Għal dawn ir-raġunijiet, tqis li l-aggravji kollha tal-Awtorità appellanta mhumiex ġustifikati u tiċħadhom kollha kemm huma.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-awtorità appellanta billi tiċħdu, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha**

**Spejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, u spejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-Awtorità appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**